## Qorti tal-Maġistrati (Malta)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 10 ta' Novembru 2024

**IL-PULIZIJA**
**(SPETTUR HUBERT GERADA)**

**VS**

**MAMUN MIA**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Mamun MIA** ta' 35 sena, iben Gulshan & Sofia, nazzjonalità Myanmar/Burma, imwieled Chhatak Sylhet, Bangladesh fil-21 ta' Lulju 1989 u residenti fi Halfar Tent Village limiti ta' Birżebbugia u detentur tan-numru tal-Pulizija 22O-030 u akkużat talli fid-9 ta' Novembru 2024 u fil-jiem ta' qabel f'dawn il-gżejjer jew fi bnadi oħra:

1. Iffalsifika, biddel jew għamel xi tibdil f'dokument jew kellu fil-pussess tiegħu xi dokument li hu kien jaf li ġie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih, u cioe kellu fil-pussess tiegħu Passaport Indjan falz bin-numru P2964085 u Permess tar-Residenza Taljan falz bin-numru I19604519;

2. Kif ukoll akkużat talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi għamel falsifikazzjoni oħra jew xjentement għamel użu minn xi dokumenti oħra ffalsifikati, fid-dokument fuq imsemmi;

3. Kif ukoll akkużat talli matul l-istess żmien, lok u ċirkostanzi iffalsifika xi dokumenti jew kopji vera ta' dokumenti jew reġistrazzjonijiet magħmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni;

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat rreġistra ammissjoni għall-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u fid-dawl ta' din l-ammissjoni il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħata żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet lill-akkużat jikkonferma l-ammissjoni tiegħu.

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li dakinhar tal-akkużi, l-akkużat kien qiegħed fl-ajruport internazzjoni ta' Malta sejjer fuq titjira lejn Sqallija. Waqt li l-akkużat kien qed jgħaddi mill-*Gate* biex jimbarka fuq l-ajruplan, l-uffiċjali tal-immigrazzjoni nnotaw li d-dokumenti li kien qed juża l-akkużat kienu foloz u pproċedew biex jinformaw lill-uffiċjali tal-pulizija b'dan kollu. L-uffiċjali tal-pulizija għaddew sabiex arrestaw lill-akkużat u komplew bl-investigazzjonijiet tagħhom.

Illi l-akkużat ikkowopera bis-sħiħ mal-uffiċjali investigattivi u anke għenhom fl-istħarriġ tagħhom.

Ikkonsidrat;

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tagħha, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tal-akkużi kollha miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi fir-rigward tal-piena, il-Qorti tqis li din hija l-ewwel darba li l-akkużat xellef difrejħ mal-liġi hawn Malta u li dan kien inċident ta' darba. Huwa ammetta t-twettiq tiegħu ta' dan ir-reat mal-ewwel. Min-naħa l-oħra, l-użu ta' dokumenti foloz huwa reat li jattakka l-amministrazzjoni tal-ġustizzja u l-Istatus li l-Istat jagħti lill-persuna li tkun qed tiddetjeni tali dokument. Huwa reat serju li jekk ma jiġix traċċat, ikollu konsegwenzi serji fuq iċ-ċertezza tad-dokumenti maħruġa mill-awtoritajiet governattivi.

Illi b'hekk, hija l-fehma tal-Qorti li għalkemm il-piena għandha tkun waħda karċerarja effettiva, m'għandhiex tkun waħda lejn il-massimu.

Deċide:

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-artikoli 189 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta kif ukoll l-Artikolu 32(1)(d) tal-Kap. 217 tal-Liġijiet ta' Malta, u l-Artikolu 5 tal-Kap. 61 tal-Liġijiet ta' Malta wara li semgħet l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu, qed issib lil **Mamun Mia <u>ħati</u>** tal-akkużi kollha dedotti kontra tiegħu u qed tikkundannah għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija effettivi.

Finalment, peress li ma ġew nominati ebda esperti f'dan il-każ, il-Qorti qed tastjeni milli tapplika l-Artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta fil-konfront tal-akkużat.

**Ft.Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Sharonne Borg**

**Deputat Reġistratur**